CCT/79/21/S

Rita Anna Dalli

Vs

Denise DeGaetano eżerċenti l-kummerċ bħala ACT Tuition

Illum 22 ta' Settembru,2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Rita Anna Dalli fid-19 ta' Mejju 2021 kif ukoll ir-risposta ta' Denise DeGaetano eżerċenti l-kummerċ bħala ACT Tuition ippreżentata fil-11 ta' Awwissu 2022.

Sema' lill-partijiet, ra d-dokumentazzjoni vasta ppreżentata, kif ukoll is-sottomissjonijiet preżentati.

Ikkunsidra,

Illi dan il-każ jirrigwarda online *course* fil-*Graphical Communication* li kellu jwassal għall-eżami tal-MATSEC fl-Oridinary Level fl-imsemmi suġġett u dan il-*course* kien jinvolvi sitt lezzjonijiet *one-to-one* bejn it-12 ta' Novemberu 2020 u il-25 ta' Frar 2021.

Illi r-rikorrenti tikkontendi li inqalgħu xi mistoqsijiet dwar il-kompetenza ta' min kien qed jagħmel il-*course* wara li ċertu metodu ma qabilx ma dak tal-għalliem tal-iskola u għalhekk wasslu biex skont ir-rikorrenti twaqqaf lit-tifel tagħha jkompli dan l-online *course* għalkemm kien għad baqa' numru ta' lezzjonijiet li kienu għadhom ma ingħatawx.

Illi fir-risposta tagħha l-intimata ppreżentat numru ta' dokumentazzjoni kif ukoll spjegazzjoni fejn irrispondiet għal dak li ġie allegat mir-rikorrenti.

Illi it-Tribunal jagħmel referenza għall-komunikazzjoni tar-rikorrenti fejn stqarret is-segwenti "*First of all hope this*

*email finds you well. I excuse myself for the late reply. Unfortunately, due to not so good family related circumstances beyond our control, Francesco will not be able to continue attending further Graphical Communication sessions. We intend to somehow fit in the four remaining session and we will stop there. While excusing myself for any inconvenience…".*

Illi din l-ispjega tmur kontra dak li qalet l-istess rikorrenti fit-talba tagħha u cioe' fejn din kienet marbuta mal-kwalifiki ta' min qed jagħmel il-*course* kif ukoll għall-allegazzjoni li s-sistema ta' tgħalim kien differenti minn dik tal-iskola.

Illi meta imbagħad saret enfasi fuq il-ħlas li kien parti għal dovut, il-kwistjoni bejn il-partijiet eskalat.

Illi dan it-Tribunal iħoss illi din kienet il-vera raġuni li l-online *course* ma kienx komplut u n-nuqqas ta' komunikazzjoni u l-eskalazzjoni fil-kommunikazzjoni bejn il-partijiet, ma għenietx illi tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat.

Illi jingħad ukoll illi persuna li tkun ser tapplika għal *course* għandha tagħmel il-verifiki kollha qabel issir tali applikazzjoni u dan biex tkun f'pożizzjoni illi tagħmel l-aħjar deċiżjoni partikolarment biex jiġi magħżul l-aqwa *course* u dak idonju għall-eżiġenzi tal-istudent.

Illi dan it-Tribunal iħoss illi iż-żewġ partijiet ma għenux biex ikun hemm komunikazzjoni rispettuża u ċara bejn l-istess *stante* illi minflok jiddiskutu dak li kienu qed jikkontendu, huma għażlu illi jeskalaw il-pendenzi ta' bejniethom.

Illi dan it-Tribunal iħoss illi kwalunkwe kweżit illi seta' kellha r-rikorrenti immissha għamlitu qabel iddeċidiet li ddaħħal lil binha għal dan il-*course* online u mill-provi ma jirriżultax li hemm raġunijiet biżżejjed biex it-talba tagħha għar-rifużjoni tiġi milqugħa anki pero' mhux limitatament għar-raġuni illi l-istudent ħa diversi lezzjonijiet u ma utilizzax żewġ lezzjonijiet ta' siegħa il-waħda u żewġ lezzjonijiet ta' sagħtejn biss.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Rita Anna Dalli u Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Denise DeGaetano eżerċenti l-kummerċ bħala ACT Tuition b'dan illi kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru